MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2005

Talba Numru. 174/2005

**Maltacom plc C 22334**

**vs**

**Five Star Concrete Ltd C 174433**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar 2005, fejn intalab li s-socjeta' konvenuta ghandha tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tliet mija u disgha u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm339.14) rapprezentanti kontijiet ta' servizzi telefonici bin-numri 21801198, 21801104 u 21801195 installati fi Triq il-Belt Valletta, Ghaxaq kif jirrizulta minn dokumenti annessi markati Dok A,B,C,D,E,F u G u dana stante li s-socjeta' konvenuta kienet giet nterpellata inutilment;

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment is-socjeta’ attrici naqset u ma dehritx la fis-seduta tas-27 ta' Ottubru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma mitluba ta’ tliet mija u disgha u tletin lira Maltija u erbatax-il centezmu (Lm339.14) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------